Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Numru.

Francis Falzon
vs
Postmaster General

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta ta' Gunju 1987/Settembru 1988, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie trasferit minn fuq il-post tax-xoghol tieghu, minghajr raguni valida, anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, aktarx b'mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien jahdem mad-Dipartiment tal-Posta u kien stazzjonat fil-fergha tal-Airport f'Hal Luqa. Huwa kien jahdem bix-shift u kien jircievi 'shift allowance'.

F’Gunju 1987, ir-rikorrent, minghajr ebda raguni valida, kien gie trasferit ghall-branch post office taz-Zejtun.

Illi r-rikorrent ma kien inghata ebda spjegazzjoni valida minghand is-superjuri tieghu ghal dan it-trasferiment. Huwa sostna li dan gara x’aktarx ghal mottivi politici.

Illi f’Mejju 1988, billi kellu s-seniority u l-kwalifiki necessarji, ir-rikorrent gie promoss ghall-grad ta’ Administrative Officer. B’rizultat ta’ dan, huwa kien gie inkarigat biex ikun responsabbli mill-Personnel Section tal-General Post Office.

Illi r-rikorrent beda jaghmel dan ix-xoghol ta’ responsabbilta` li kien gie fdat lilu, bl-akbar serjeta u dedikazzjoni.

Illi xi tlett xhur wara, cioe` f’Settembru 1988, ir-rikorrent kien gie nfurmat mis-Sur Alfred Costa, il-Postmaster General li hu kien ser jigi trasferit ghall-Water Works Department. L-istess Sur Costa qal lir-rikorrent illi kien jiddispjacieh li hu kien ser jigi trasferit, pero` ma seta’ jaghmel xejn dwar it-transfer.

Illi fiz-zmien meta r-rikorrent inghata dan it-tieni transfer, huwa kien senior tal-Administrative Officers ohra u kien hu biss li nghata trasferiment ghal Dipartiment iehor.

Illi meta r-rikorrent kien talab li jinghata raguni ghala kien giet ordnat it-transfer tieghu ghall-Water Works Dept., ma kien inghata ebda spjegazzjoni. Ghalhekk ir-rikorrent sostna illi t-tieni transfer ukoll x’aktarx sar ghal mottivi politici.

Illi fil-Water Works Department, ir-rikorrent inghata r-responsabbilta` tas-Supplies and Contracts Section. Ir-rikorrent informa lis-superjuri tieghu illi hu ma kellu ebda esperjenza ta’ dan ix-xoghol u talab li jintbghat sezzjoni ohra. Madankollu, meta t-talba tar-rikorrent ma gietx milqugha, huwa xorta kien prova jaghmel l-almu tieghu u ddedika ruhu ghax-xoghol bl-akbar serjeta`.

Illi minkejja dan, ir-rikorrent sabha difficli hafna. Dak iz-zmien hu kellu 54 sena u kien ilu 33 jaghmel xoghol iehor li ma kellu xejn x’jaqsam ma dak li nghata responsabbilta` ghalih issa. Per konsegwenza, ir-rikorrent qabditu ‘depression’ u kellu johrog fuq sick leave ghal zmien konsiderevoli u kien biss wara xahar li intbaghat jahdem fil-Personnel Section tal-Water Works Department.

Illi b’konsegwenza tal-ingustizzja li kien sofra, ir-rikorrent (1) kien sofra telf finanzjarju meta fl-ewwel okkazjoni ma kienx baqa’ jahdem bix-shift u ghalhekk ma kienx baqax jircievi allowances ghax-shift fil-perjodu bejn Gunju 1987 u Mejju 1988; u (2) kien bata’ danni f’sahhtu minhabba t-transfer li kien inghata ghall-Water Works Department, meta kien inghata responsabbilta` ghal xoghol li matul il-karriera tieghu ta’ 33 sena, qatt ma kien hadem fih.

Illi b’hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, kien garrab ingustizzja u dana b’konsegwenza ta’ distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li kienet saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha kien garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dan b’azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi, biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien sejjer iressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal joghgbu, wara li jisma’ x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju lir-rikorrent billi jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta’ Lm5,000 kew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5,000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta’ dan il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' A J Mangion, Acting Postmaster General li eccepixxa:
Irrefera ghar-rikors maghmul mis-Sur Francis Falzon rigward l-allegata ingustizzja tat-trasferiment minn fuq il-post tax-xoghol tieghu fid-Dipartiment tal-Posta ghal mad-Dipartiment tal-Water Works.

Kienet normali fid-Dipartimenti tal-Gvern li t-trasferimenti ta' mpjegati civili jsiru mill-ufficcju tal-Management and Personnel fl-Ufficcju tal-Prim Ministru jew dak li qabel kien jissejjah l-Establishment Division ta' l-istess Ufficcju.

Kien car li bhala l-Acting Postmaster General prezenti ma kellu l-ebda hjiel x'wassal ghat-trasferimnent tas-Sur Francis Falzon fit-30 ta' Settembru, 1988.

Ghamilha cara illi kieku kien jokkupa l-kariga ta' Postmaster General f'dawk iz-zmienijiet kien ikun fid-dover li jassigura li l-ordni tat-transfer, li taghha baghat kopja, kienet tigi esegwita.

Bhala xiehda f'dan il-kaz, barra l-ex Postmaster General li diga` ssemma mir-rikorrent, kellu jkun hemm ukoll id-Direttur Generali ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru jew rapprezentant tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
L-ilment tar-rikorrent fil-fatt jirrigwardja, l-ewwelnett l-aspett finanzjarju meta hu kien gie trasferit fid-Dipartiment tal-Posta stess mill-fergha ta' l-Ajruport f'Hal-Luqa ghal branch Post Office taz-Zejtun u b'hekk tilef ix-shift allowances u dana ghal perjodu ta' Gunju 1987 u Mejju

1988 meta fil-fatt ha l-promozzjoni ta’ grad ta’ Administrative Officer. Sekondarjament ir-rikorrent ilmenta mill-fatt illi tlett xhur wara li ha l-promozzjoni u cioe` f’Settembru 1988 hu gie trasferit mid-Dipartiment tal-Posta ghall-Water Works Department li fil-fehma tar-rikorrent minghajr raguni valida. Fir-risposta ta’ l-intimat intqal li peress li hu ma kienx jaf il-fatti ma kellu ebda hjiel ta’ x’wassal ghal trasferiment ta’ Francis Falzon f’Settembru 1988. Irrizulta wkoll skond il-verbal ta’ l-14 ta’ Ottubru 1998 li r-rikorrent spicca mix-xoghol fid-9 ta’ Marzu 1995 u ghalhekk kull allegata ingustizzja saret sa dik id-data.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li fl-1987 huwa kellu l-grad ta’ Administrative Assistant u kien il-Postmaster fil-fergha tal-Ajruport ta’ Hal-Luqa, mad-Dipartiment tal-Posta. Ftit wara li nbidel il-Gvern, f’Gunju 1987 gie trasferit ghall-fergha tal-Posta taz-Zejtun. Sostna li ma kien hemm ebda raguni valida ghal dan it-transfer u dan sar b’mottiv politiku. Qal li ma gietx segwita l-procedura normali, ma nhareg ebda avviz bil-miktub bil-firma tal-Kap tad-Dipartiment. Kawza ta’ dan it-transfer hu tilef ix-shift allowance u ma baqax jithallas ghal xoghol fil-Hdud u Festi bejn Gunju 1987 u Mejju 1988.

Fit-2 ta’ Mejju 1988 kien lahaq Ufficjal Amministrattiv Grade III ‘by seniority’. Kien responsabbli mill-Personnel Section tal-General Post Office. Wara li ghaddew tlett xhur u cioe` f’Settembru 1988 gie nfurmat li ried ikellmu l-Postmaster General li gharfu li kien gie trasferit ghall-Water Works Department. Ma gie moghti ebda spjegazzjoni ghat-trasferiment u ghalhekk sostna illi fil-fatt dan it-transfer sar ghal mottivi politici.

Hu kien fid-Dipartiment tal-Posta Senior ta’ Administrative Officers ohra. Spicca fil-Water Works Department Supplies & Contracts Section meta kellu 54 sena u kien gia ilu fis-servizz mal-Gvern ghal 33 sena li 24 sena minnhom kien ghaddihom fis-servizz tal-Posta. Dan it-transfer affettwah hazin moralment u spicca depressed. Spicca bis-sick leave u kien kwazi wasal li jghaddi medical board u jirtira mis-servizz 5 snin qabel ma ghalaq is-sittin

sena, izda fortunatament ghalih inholqot vacancy ta' Officer in Charge Personnel fil-Water Works Department u hu kien interessat. Accetta dan il-karigu u beda jaqdi dmirijiet godda tieghu f'Ottubru 1988 u baqa' f'din il-kariga sakemm spicca bil-pensjoni fl-eta' ta' 61 sena bhala Manager Personnel fil-Water Services Corporation fid-9 ta' Marzu 1995.

Xehed li meta kien baghat ghalih is-Sur Costa kien qallu li jixtieq jahtar lilu bhala Officer in Charge Personnel fil-Posta u kien qallu li kien hemm diversi persuni li xtaqu li jiehdu dan izda hu kien ghazel lilu.

Ir-rikorrent inoltre ipprezenta nota fit-28 ta' Novembru 2000 li fiha indika t-telf ta' flus li sofra matul 1987 meta ma kienx thalla jkompli jahdem bix-shift fil-Hdud u Festi Pubblici u dan telghu fl-ammont ta' Lm433.10.

Xehed Maurice Mizzi Officer in Charge Personnel fil-Water Services Corporation li semma li dak iz-zmien in kwistjoni kien mal-Water Works Department u jaf lir-rikorrent ghax kien trasferit fl-20 ta' Settembru 1988 mill-Posta ghall-Water Works. Hu kien gie moghti r-rank ta' A.O. Supplies and Contracts li kien vakanti minhabba li l-persuna li kienet tokkupah qabel kienet giet trasferita ghall-post iehor. Ir-rikorrent ma kellux esperjenza f'dik il-kariga. Il-Water Works ma kienux talbu ghar-rikorrent biex jigi trasferit ghal mal-Water Works. Huma fil-fatt kienu talbu replacement ta' Patrick Vella li kien gie trasferit Kastilja. Ir-rikorrent ma kienx gie moghti handover minn Patrick Vella ghax dan kien gja mar.

Fil-fatt bis-sick leave, r-rikorrent kien dam xi 15-il gurnata. Hu kien propona lis-Sur Delia li kien il-Kap li r-rikorrent imur A.O. Personnel mieghu kif fil-fatt ghamel u r-rikorrent gie ttrenjat minnu stess f`dik is-sezzjoni minkejja li hu kien is-subordinat tieghu.

Xehed Joseph Buttigieg Permanent Secretary fil-Ministry of Health li semma li sa Mejju 1987 hu kien Assistant Head fil-Ministeru tas-sahha imbaghad wara Mejju 1987 kellu diversi trasferimenti u fl-ahhar spicca fil-Water Works

Department f'Gunju 1987. Hu kien jirraprezenta lit-Tezor bhala Accounting Officer. Semma li r-rikorrent gie mibghut hemmhekk meta hu kien qieghed fil-Water Works Department izda seta' kien ghal habta ta' Settembru ta' l-1988.

Il-funzjoni tieghu kienet li jiehu hsieb is-section tas-Supplies jigifieri x-xiri ta' affarijiet mid-Dipartiment ghax kien gie biex jiehu l-post ta' Patrick Vella. Ir-rikorrent ma kellux ideja tax-xoghol tax-xiri tas-supplies. In fatti hu kien saqsieh lir-rikorrent jekk kienx jaf il-financial regulations u r-risposta tar-rikorrent kienet li ghalih dan kien xoghol gdid u ma jaf xejn fuqu. Xi zmien wara r-rikorrent hareg bis-sick leave u meta dahal lura ghax-xoghol dahal jaghmel xoghol gdid fis-sens li baqa' fl-istess dipartiment imma f'sezzjoni ohra.

Xehed Manuel Cumbo llum pensjonant u spicca sentejn u nofs qabel. Bejn l-1980 u l-1987 kien incharge mill-posta l-qadima fl-Airport. Wara l-1987 kellu trasferiment u gie trasferit ghal Head Office. Iddeskriva x-xoghol tar-rikorrent bhala bniedem li jaghmel xoghlu sewwa u qatt ma kien hemm complaints mill-klijenti jew min nies li kienu jahdmu hemmhekk. Ir-rikorrent qatt ma kien jitkellem fuq politika. L-anqas qatt ma kien ikollu problemi mas-superjuri tieghu r-rikorrent. Ir-rikorrent kien bniedem preciz u efficjenti fuq xoghlu. Rigward dixxiplina u puntwalita` fuq ix-xoghol ir-rikorrent kien ikun hemmhekk peress li hu kien ikun mieghu qabel il-hin tax-xoghol.

Xehed Dr George Vella u kkonferma c-certifikati prodotti mahrugin minnu. Dawn kienu certifikati mahrugin fl-1988 dwar ir-rikorrent li kien ghaddej minn zmien difficli hafna minhabba xi trasferimenti li kien qala minn fuq ix-xoghol. Dak iz-zmien ir-rikorrent kien ihossu totalment stressjat u ma hemmx dubbju li gie affettwat psikolgikament. Hu jaf lir-rikorrent fuq bazi personali u kien jaf li hu kien iddedikat ghax-xoghol.

Xehed Alfred Costa llum il-gurnata pensjonant u spicca minn mal-Gvern fl-1995 u spicca minn mal-Posta fl-1992. Sa l-1992 kien Post Master General u kien ilu fid-

Dipartiment tal-Posta ghal 21 sena u fl-ahhar ghaxar snin fil-kariga ta’ Post Master General. Lir-rikorrent ftakru jahdem hemmhekk. Ftakar li r-rikorrent kien gie trasferit mal-Water Works Department. Kienet giet it-transfer sheet mill-OPM kif normalment isir meta jsiru xi kambjamenti fil-posta minn varji Dipartimenti u allura jaghzlu l-ahjar nies biex ikunu fis-sezzjoni u l-ferghat l-aktar mehtiega. Ma kienx hu li kien talab biex jigu trasferiti nies minn mieghu. Ir-raguni tat-trasferiment tar-rikorrent ma kinetx inghatat ghalkemm ir-raguni ma tinghatax mill-establishments. Sostna li ma kienx hu li talab li jigi mcaqlaq ir-rikorrent anzi zied li kieku ghalih kien jibqa’ hemmhekk il-Posta ghax kien ghal qalbu bih.

Semma li xi zmien qabel ir-rikorrent kien ingab il-Head Office ghax kien ha promozzjoni ghal AO u fil-branches ma jithallewx AO’s. Ir-rikorrent qatt ma talbu biex jigi trasferit u hu qatt ma talab lir-rikorrent biex jigi trasferit. Dwar it-trasferiment intern li r-rikorrent kien ha mill-Ajruport ghas-sezzjoni taz-Zejtun, huwa veru li r-rikorrent tilef il-flus pero` d-decizjoni kien hadha abbazi ta’ dak li kien jaqbel l-aktar lid-Dipartiment kollu u dan sabiex id-Dipartiment jimxi b’mod efficcjenti. Hu ma kellu ebda ordni minn imkien biex jaghmel dawn it-trasferimenti nterni. Jidher li r-rikorrent kien itbaghat mid-Dipartiment fis-sezzjoni taz-Zejtun minhabba li l-prezenza tieghu hemmhekk kienet ta’ utilita minhabba l-esperjenza li kellu. Ir-rikorrent kien miz-Zejtun u ghalhekk kien inbaghat hemm biex ma jkollux hardship ta’ trasport. Qablu kien imexxi s-Sur Curmi li kien intbaghat il-Housing u ghalhekk kien hemm vakanza fil-fergha taz-Zejtun u kellu jara l-ahjar mezz ta’ kif ser jimlew dik il-vakanza.

Xehdet <u>Josianne Caruana</u> li kienet ghamlet xi zmien tahdem mar-rikorrent fil-Water Services fis-section tal-personnel. Semmiet li r-rikorrent kien bniedem dixxiplinat u puntwali.

**KONKLUZJONIJIET:**

Hawnhekk it-Tribunal irid jezamina d-diversi transfers separatament. L-ewwel transfer li hemm hija fl-1987 ir-rikorrent gie trasferit mill-Ajruport ghaz-Zejtun, dejjem

transfer intern fid-Dipartiment tal-Posta. Fil-fatt irrizulta li kawza ta' dan it-transfer ir-rikorrent tilef ix-shift allowances u l-Hdud li fil-fehma tieghu jammontaw ghall-Lm430.00 izda fuq dan l-aspett huwa essenzjali li l-ewwel it-Tribunal jirriferixxi ghal dak li ntqal fil-kawza Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 li qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifhmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

F'dak li ghadu kif isemma intqal car u tond illi l-esigenzi tas-servizz mhix xi haga frivola izda minn naha l-ohra l-principju tal-mobilita` tas-servizz xi kulltant jintitola li l-Gvern jista' jaghmel dawn it-trasferimenti. Effettivament irrizulta mix-xhieda tas-Sur Costa li r-rikorrent kien persuna ferm affidabbli u li kien necessarju fl-interess tad-Dipartiment illi r-rikorrent jigi trasferit minn sezzjoni ta' l-Ajruport ghas-sezzjoni taz-Zejtun. Irrizulta car illi din ma kienet ebda mizura vendikattiva kontra r-rikorrent ghax infatti ntbaghat fis-sezzjoni taz-Zejtun f'post fejn addirittura r-rikorrent joqghod u ghalhekk mhux per ezempju ntbaghat xi post il-boghod ghal ta' l-apposta bl-intenzjoni ta' xi hardship. Huwa vera li r-rikorrent kawza ta' hekk tilef il-flus izda din ma jintitolax lir-rikorrent ghal xi kumpens minhabba l-fatt illi d-dritt tax-shift allowances ma jezistix izda biss jiehu x-shift allowances jekk ikun f'sezzjoni li ghandha din l-allowance. Ma kien hemm ebda dritt tar-rikorrent illi hu bilfors joqghod fis-sezzjoni ta' Hal-Luqa u

ghalhekk f'dan ir-rigward ma jistax it-Tribunal jilqa' l-ilment tar-rikorrent.  Ma giet pruvata ebda ingustizzja f'li saret fil-konfront tar-rikorrent kif stipulata fit-terminu ta' l-Att VIII ta' 1997 u ghalhekk dwar dan ir-rigward jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat.

In segwitu r-rikorrent gie trasferit miz-Zejtun ghal Head Office izda hawnhekk kif spjega s-Sur Costa, Administrative Officers ma jkunux qeghdin fil-branches. Biex wiehed ikun korrett mija fil-mija lanqas ir-rikorrent stess ma lmentax dwar dan it-trasferiment.

Nigu issa ghall-ilment l-iehor u cioe` li f'Settembru 1988 u cioe` xi tlett xhur wara li r-rikorrent kien gie moghti promozzjoni u kien qieghed in charge mill-Personnel fid-Dipartiment tal-Posta hu gie trasferit ghal mal-Water Works.  Hawnhekk wiehed isib l-oppost ta' dak li ntqal qabel.  Huwa veru li l-Gvern ghandu d-dritt ghal principju tal-mobilita` tas-servizz li jaqdi bl-ahjar mezz ix-xoghol li ghandu jsir izda dan certament ma jistax iwassal u jigi interpretat li persuna tintbaghat f'Dipartiment iehor minghajr ma nghatat raguni valida.  Irrizulta li r-rikorrent fil-fatt hu ma talab ebda transfer.  Irrizulta wkoll li l-Kap tad-Dipartiment tieghu u cioe` s-Sur Costa, dik li ssemma qabel huwa persuna affidabbli, ma kienx talab ghal ebda trasferiment tar-rikorrent anzi li kien fil-fatt kuntent bih. Irrizulta wkoll li d-Dipartiment l-iehor tal-Water Works ma kienx talab specifikatament ghar-rikorrent izda kien talab ghal persuna mhux specifikata.  Irrizulta wkoll illi fil-fatt fis-sezzjoni fejn kienet inholqot il-vacancy fil-Water Works, il-persuna riedet tkun taf il-financial regulations u tkun persuna konxja ta' dawk l-affarijiet liema fatti r-rikorrent ma kienx jafhom u ghalhekk intwera car li r-rikorrent ma kienx il-persuna idejali u adatta biex jigi trasferit.  Illi ghalhekk certament l-esigenzi tas-servizz ma kienux jirrikjedu li kien ikun proprju r-rikorrent li jigi trasferit minn Dipartiment tal-Posta ghad-Dipartiment tal-Water Works. Tant kemm hu hekk li infatti kellu jinstab allokazzjoni alternattiva ghar-rikorrent fejn dan jista' jahdem. Hawnhekk it-Tribunal isib illi fil-fatt tirrizulta l-ingustizzja kif definita fl-Att VIII tal-1997.

Illi l-intimat fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu a fol 98 semma li ma kienx it-tort ta' Alfred Costa Dipartiment tal-Posta li tali trasferiment inghata ghax infatti jsostni li ma kienx il-Post Master General li fil-fatt ta t-trasferiment izda li tali trasferiment kien hareg mill-establishment ossija mill-OPM. Illi hawnhekk it-Tribunal bilfors jaghmel refernza ghal dak li jghid l-Artikolu 181B tal-Kap 12 li jghid:

"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Issa f'dan il-kaz il-Kap tad-Dipartiment fejn kien jahdem ir-rikorrent kien proprju l-Post Master General u huwa proprju ghalhekk li l-kawza giet intavolata kontra l-Post Master General u ghal din ir-raguni tichad din l-eccezzjoni sollevata mill-intimat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat dwar dan l-aspett u peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat dwar it-trasferiment mid-Dipartiment tal-Posta ghal dak tal-Water Works, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens lir-rikorrent fis-somma ta' elf lira [LM1000] dovuta mill-intimat.

Spejjez kontra l-intimat.